MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 15/2008

**John Cutajar**

**vs**

**Allegro Andante Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta' Ottubru, 2008, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

> **"**Din il-Kwistjoni tax-Xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjoni pprezentata fir-registru tal-Qorti Superjuri datata 2 ta' Marzu 2005, biex tigi pprocessata mit-Tribunal Industrijali skond it-Termini ta' l-Att XXII tas-sena 2002, dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.
>
> Is-Sur John Cutajar li minn issa jidher bhala l-Appellant kien assistit mill-Avv. George Hyzler.

Ghas-Socjeta` Allegro Andante Limited, deher l-Avv. Anthony P. Farrugia assistit mill-Avv. Pawlu Lia.

L-Appellant fil-kaz tieghu jghid, li huwa kien impjegat fil-kariga ta' General Manager u li dan l-impieg gie terminat unilateralment mis-socjeta` Allegro Andante Limited verbalment fl-10 ta' Jannar 2005 u konfermata b'ittra tal-20 ta' Jannar 2005. Huwa jkompli jghid, li t-tali tkeccija ma kienitx ghal raguni tajba u sufficjenti skond l-Att ta' dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta) u bi ksur tal-ftehim ta’ l-impieg tal-10 ta' Frar 2004.

Ghas-Socjeta' intimata da parti taghha qalet, li l-appellant kien impjegat bhala General Manager u n-natura tal-kariga tieghu kienet tinvolvi l-ghoti ta' fiducja kbira min-naha tal-Kumpanija lejn l-impjegati. Dan ghaliex, kien intiz bejn il-partijiet li l-impjegat kellu jinghata spazju kemm jista' jkun sabiex ikun jista' jhalli l-effetti massimi tat-tmexxija professjonali li kienet mistennija minnu u li hu wieghed li kellu jghati.

Is-Socjeta tkompli tghid, li fil-kors ta’ l-impieg tieghu kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn l-imgieba tieghu ma lahqitx l-aspettattivi u l-livell li kien mistenni minnu, u ma kienitx konformi mad-direttivi tal-Kumpanija, u/jew kienet sahansitra kontra l-interessi ta’ l-istess kumpanija. Hija tkompli tghid, li minkejja li ngibdet l-attenzjoni tieghu dwar dawn in-nuqqasijiet, fil-parti kbira l-impjegat ppersista fl-imgieba tieghu anke f’kazijiet minnhom ippretenda li l-metodi tieghu kienu gusti. Il-Kumpanija tkompli tghid, li l-iktar aspetti serji tan-nuqqasijiet fit-tmexxija tal-azjenda tal-Kumpanija huma migbura f’ittra datata 20 ta' Jannar 2005. Hija tghid ukoll, li n-natura ta' dawn in-nuqqasijiet fil-parti kbira taghhom kienu tali li jimminaw il-fiducja tal-Kumpanija fl-impjegat li kienet essenzjali ghall-qadi tal-kariga tieghu kif

miftehma u ghaldaqstant, f'dawn ic-cirkostanzi t-tkeccija ta' l-impjegat kienet gusta, skond il-ligi u ai termini tal-ftehim ta' l-impieg.

Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li l-Appellant kien impjegat bhala General Manager mal-Kumpanija Allegro Andante Limited permezz ta' Kuntratt indefinit datat 10 ta' Frar 2004, bl-ghan li jmexxi ir-restaurant Allegro Andante. Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-appellant kien kwalifikat fil-qasam ta' l-industrija ta' l-Ospitalita' u kellu esperjenza vasta fejn kien involut fil-management ta' diversi lukandi ta' erba' u hames stilell. Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-ghan li jidhol ghat-tmexxija ta' dan ir-restorant kien sabiex il-propjetarju li qabel kien imexxi ir-restaurant huwa, ma jibqax involut fit-tmexxija ta' kuljum tar-restaurant peress li kellu interessi ohra ta' negozju li ried jiehu hsieb u ghaldaqstant, kien gie miftiehm li l-appellant kellu jkollu il-"mano libera" fl-operat u t-tmexxija ta' kuljum tar-restaurant. Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-impieg tieghu gie tterminat verbalment fl-10 ta' Jannar 2005 u konsegwentament it-terminazzjoni ta' l-impieg gie kkonfermat permezz ta' ittra datata 20 ta' Jannar 2005, fejn l-appellant gie akkuzat li; ma zammx ma' l-istruzzjonijiet tal-Kumpanija li jinzamm kontroll fuq l-infieq ta' l-ikel u xorb, ma ghamilx ricerka effettiva biex jinxtraw l-ahjar prodotti bi prezzijiet kompetittivi u ma ghamilx roasters tajbin tal-haddiema li f'kazijiet irrizultaw f'infieq zejjed ta' pagi bhal fil-kaz tac-chef li matul ix-xahar ta' Novembru 2004 gie indikat li hadem 260 siegha meta attwalment huwa hadem 213 il-siegha. Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-Kumpanija kienet akkuzat lill-appellant li kien instab li kien hemm numru ta' part-timers li ma kienux gew registrati ma l-ETC. Il-Kumpanija qalet ukoll, li mill-bidu ta' l-impieg ta' l-appellant kien infetah kont bankarju fejn l-appellant kien wiehed mill-firmatarji u dan kien bl-ghan sabiex jigu mhallsa l-ispejjez ta' l-operat tar-restaurant, ma dan kien inghata access ukoll ghall-programm tal-computer sabiex

ikun jista jipprogetta ix-xiri u l-infieq u li dawn ikunu jibbilancjaw mal-flus li jkun hemm fil-kont bankarju. Izda, il-Kumpanija tkompli tghid, li minkejja dan kienu inhargu cheques aktar mill-ammont ta' flus milli kien hemm fil-kont bankarju u in vista ta' dan il-Kumpanija kellha tehodlu c-cheque book sabiex ma jibqax johrog cheques sakemm l-account jerga jigi bbilancjat. Il-Kumpanija tghid ukoll, li wara li l-kont tal-bank kien gie bbilancjat ic-cheque book kien rega inghata lura lill-appellant, izda xorta wahda baqa jippersisti bl-izball sakemm il-Kumpanija kienet kostretta li tehodlu ic-cheque book lura. Il-Kumpanija akkuzat ukoll lill-appellant, li l-andament u l-attitudni tieghu ma’ l-istaff kien wiehed negattiv u baqa’ negattiv minkejja li l-kumpanija kienet organizzat attivita socjali sabiex hu jiehu l-opportunita li jirranga r-relazzjonijiet li kellu ma l-istaff. Il-Kumpanija tghid ukoll, li l-appellant ma mexiex sew meta kien hemm okkazzjonijiet li meta jkun hemm shortage ta' flus kien jibbilancja mit-tips tal-haddiema. Il-Kumpanija akkuzat ukoll lill-appellant, li minghajr l-awtorizazzjoni tal-propjetarju l-appellant ghamel uzu mis-servizz ta' l-internett mid-dar tieghu ghas-spejjez tal-Kumpanija. Ma dan il-Kumpanija tghid ukoll, li l-appellant ma osservax l-istandards ta' l-awtoritajiet tas-sahha. Il-Kumpanija akkuzat ukoll lill-appellant, li l-istrategija li ghamel fil-marketing ghalkemm tejbet l-image tar-restaurant, izda kienet wahda fqira u din ir-rizultat li fil-waqt li attirat klijenti ta' klassi ahjar, pero tilfet klijenti ohra li jirrizulta f’anqas dhul ta' flus mill-bejgh. Il-Kumpanija tghid ukoll, li l-appellant ma wettaqx l-objettiv li gie moghti lilu fil-bidu ta' l-impieg li jistabilixxi l-wine bar, kif ukoll li kien accessiv u ta' ezempju hazin ghall-istaff meta ddispona b'modd accessiv minn certu "perks". Il-Kumpanija tghid ukoll, li in vista ta' dan kollu waslet biex tittermina l-impieg ta' l-appellant.

Rigward l-akkuzi msemmija, it-Tribunal Industrijali sema’ diversi xhieda, fejn minn naha tal-

Kumpanija enfasizzat il-gravita taghhom u minn naha ta' l-appellant ta spjegazzjoni ghal dawn id-diversi akkuzi fosthom; rigward il-food cost l-appellant jghid, li kien iddiskuta mal-propjetarju li jekk ried li jixtri prodotti ta' kwalita ahjar ma setghax izzomm l-istess percentagg ta' "food cost" li kellu qabel sakemm ma jghollix is-selling price tal-prodott u li dan jirrendi l-istabiliment li ma jibqax kompetittiv. Ghaldaqastant l-appellant spjega, li l-percentagg tal-"food cost" kellu jghola xi ftit biex iservi ikel u xorb ta' kwalita ahjar u jibqghu bi prezzijiet kompetittivi. Fix-xhieda tieghu l-appellant jispjega l-enfasi li saret mill-Kumpanija fl-akkuzi taghha dwar l-attitudni mhux adattata ma l-istaff u huwa jghid, li matul l-impieg tieghu kull ma telqet persuna wahda li kellha certa kunfidenza zejda fid-deportament taghha ma l-istaff u ma accettatx il-bidliet li kienu qed isiru, huwa jghid ukoll, li fil-kwistjoni tar-roasters mhux talli ma kienx hemm problemi, izda solva l-problemi li kien hemm peress li qabel l-istaff kienu jiggieldu bejniethom dwar liema hinijiet tax-xoghol kienu se jahdmu u meta organizza r-roaster hu gew stabiliti certu sistemi. L-appellant jghid ukoll, li problema principali wahda kien hemm li qabel kien hemm arrangament ma haddiem li kull nhar ta' sibt tkun off u wara biddel din is-sistema fejn kienet toltera is-sibtijiet. L-appellant jghid ukoll li seta’ jghati il-kaz li l-istaff hass certu pressjoni peress li ried jgholli l-istandards tar-restaurant u eventwalment dan kien wassal li l-istaff jgholli l-istandarad tas-servizz u peress li l-istaff li kien hemm ma kellux it-tahrig mehtieg seta’ saba difficli biex jaddatta. L-appellant jghid ukoll, li dwar li kien hemm haddiema li ma kienux registrati ma l-ETC dan kien kaz izolat fejn kien ghal perjodu qasir u dan sehh peress li l-amministrazzjoni ta' l-ufficcju ma kienitx f’idejh izda kienet tiehu hsieb is-segretarja tal-propjetarju u ghal xi raguni jew ohra kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejniethom. Matul il-provi saret ukoll hafna enfasi dwar l-amministrazzjoni tal-kontijiet bankarji fejn gie

stabilit li kien hemm zewg kontijiet fejn f'wiehed minnhom kienu jigu depozitati l-flus li kien isir mill-bejgh tar-restaurant u l-kont l-iehor kien jintuza biex il-propjetarju kien jiddepozita l-flus ghax-xiri u l-infieq tar-restaurant. Minn naha tal-Kumpanija, fil-waqt li ghamlitha cara li ma kienitx qed timplika li l-appellant kien ha xi vantagg personali minn dawn il-kontijiet pero spjegat li l-appellant kien qed johrog cekkijiet aktar milli kien hemm bilanc fil-kont tal-bank u dan anki wara li kien ikun l-appellant stess li kien jitlob l-ammont ta' flus li kellhom jigu depozitati fil-kont. Dan kien qed iwassal biex ic-cekkijiet jew ma jissarfux jew biex jigi bbilancjat il-kont kienu jsiru trasfermenti awtomatici mill-bank stess minn kontijiet personali tal-propjetarju. Rigward dan l-appellant jghid, li kien hemm okkazzjonijiet li dan gara pero dan sehh ghal ragunijiet diversi fosthom li fl-intervall li jkunu saru id-depoziti tal-flus ghar-rikjesti li jkun talab, kienu jinqalghu xi kredituri tal-passat li kienu jitolbu ghal hlasijiet li kienu dovuti lilhom u hu kien johrog ic-cheque wara li jkun ikkonsulta mal-propjetarju, izda jista jghati l-kaz li l-flus dovuti ghal dawk il-pagamenti ma kienu jigu ddepozitati mill-propjetarju, huwa semma wkoll li kien hemm ammont sostanzjali ta' kredituri tal-passat qabel ma hu kien involut fl-operat tar-restaurant u kien ukoll jghamel arrangamenti maghhom biex jibdew jithallsu regolari peress li jekk is-suppliers ma jithallsux regolarment kien se jkollu problema biex jigi moghti supplies fuq kredtu. Huwa jghid ukoll, li gieli kien hemm problemi fejn anki membri ta' l-istaff imorru l-bank b'cheque tal-paga u dan ma jissarrafx u dan minkejja li jkun diga ikkonsulta mal-propjetarju li kien hemm flus bizzejjed li jissarfu ic-cheque. Huwa jghid ukoll, li l-problema tal-kredituri ma kienitx wahda felici tant li anke kien hemm kaz fejn f'okkazzjoni marru ta' l-Enemalta biex jaqtghu d-dawl.

Matul il-provi quddiem it-Tribunal Industrijali l-appellant jghid ukoll, li wahda mill-ikbar problemi li

kien iffaccja kienet li ma setax jimmaniggja b'mod professjonali l-istaff u dan peress li l-istaff, li fil-parti l-kbira tieghu kienu gew impjegati mill-propjetarju, kull darba li jipprova jzomm xi dixxiplina jew jintroduci sistemi godda kienu jaqbzuh u jmorru ghand il-propjetarju. Huwa jghid, li dan l-aspett beda johloq certu dwejjaq ghaliex l-ghan principali ma giex ezegwit li ghandu jkun hemm distinzjoni bejn l-operat ta' kuljum tar-restaurant li kellha tkun responsabilita tieghu u minn jippossedi l-propjeta. L-appellant jghid, li b'mod generali ir-relazzjonijiet tieghu ma l-istaff kienu sodisfacenti u l-unika problema li setgha isejjah li kienet gravi kienet dik ma l-istorekeeper li ma kienx irid joqghod ghad-direzzjoni tieghu u kien hemm okkazzjonijiet li dan il-haddiem kien jghidlu li hu ma kienx impjegat tieghu izda kien impjegat mal-propjetarju tar-restaurant It-Tribunal Industrijali jirrimarka ukoll, dwar l-affidavit tax-xhieda ta' l-istorekeeper u hu kkoncernat kemm dan l-affidavit tax-xhieda kemm kien ippreparah wahdu u mhux bl-ghajnuna ta' haddiehor u dan ghal raguni principali li fix-xhieda tieghu meta gie biex jispjega terminu tekniku ta' l-operat tar-restaurant li hija dik ta' "par levels" li hija sistema ta' kif jinzamm l-istock, u liema terminu kien indika fix-xhieda tieghu, ma kienx kapaci jghati spjegazzjoni ta' xi jfisser "par levels" u beda jinterpretah li ghalih ifisser li kulhadd ghandu jigi ittrattat l-istess.

L-appellant fix-xhieda tieghu jixhed ukoll, li meta gie biex jippjana l-budgets ta' l-operat tar-restaurant kien talab li jinghata informazzjoni u figuri ta' l-operat tal-passat, izda din ma kienitx giet moghtija lilu u ghaldaqstant ma kellux track record biex jipproponi l-budgets ta' l-operat. L-appellant fix-xhieda tieghu jghid ukoll, li dwar il-kaz ta' l-internett kien li l-propjetarju l-ewwel kien beda b'hafna idejat u ried jintroduci l-internett ghal skopijiet li jikkontrollaw mid-dar ta' l-appellant stess, ghaldaqstant u ovvjament la darba seta’

jahdem mid-dar tieghu huwa wkoll kien juzah ghal dak kollu li kien jinhtieg izda primarjament kien juzah ghal skopijiet ta' l-operat tar-restaurant. Quddiem it-Tribunal Industrjali giet spjegta wkoll l-akkuza tal-"perks" fejn l-appellant jghid li hu ma ha xejn straordinarju ghajr l-ikel u xi xorb li kien jipprovdi l-istess restaurant u li hija in-normi ta' minn jahdem f’dan il-qasam li jkollu dawn il-perks. Dwar dan il-punt anki minn naha tal-kumpanija ma ghamlitx enfasi hafna u ghalkemm ma kienitx kuntenta pero fix-xhieda qalet li ma kienx il-kaz li l-impieg tieghu kellu jigi terminat fuq din il-bazi. It-Tribunal Industrijali sema' wkoll xhieda dwar li l-operat tal-wine bar, fejn l-appellant jghid li dan ma setax jistabilixxih peress li ma giex ipprovdut bil-mezzi rikjesti. Quddiem it-Tribunal Industrijali instemghet ukoll ix-xhieda dwar it-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant fejn l-appellant jghid li t-terminazzjoni ta' l-impieg saret verbalment fl-10 ta' Jannar u din saret b'mod hesrem u mhux mistenni specjalment meta ftit qabel kien tkellem mal-propjetarju dwar pjanijiet futuri ghall-operat tar-restaurant.

It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz u primarjament jikkunsidra l-akkuzi kollha li saru fil-konfront ta' l-appellant li saru permezz ta' l-ittra datata 20 ta' Jannar 2005 u li waslet ghat-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu. F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali ezamina l-elenku tal-kazijiet li l-appellant gie akkuzat bihom fl-ittra msemmija u fejn ghal kull kaz l-appellant jghati l-verzjoni tieghu. It-Tribunal Industrijali f’dawn il-kunsiderazzjonijiet ghamel apprezzament ta' l-akkuzi li saru mill-Kumpanija u minn dan kollu l-ewwel osservazzjoni li jghamel it-Tribunal Industrijali hija, meta nqalghu dawn il-kazijiet u gew diskussi ma l-appellant il-Kumpanija accettat jew ma accettatx l-ispjegazzjoni li kien ta' l-appellant wara kull kaz li inqala? It-Tribunal Industrijali kien jistenna, li wara kull kaz li kien inqala u wara li dan kien diskuss ma l-appellant,

jekk il-propjetarju ma kienx sodisfatt bl-ispjegazzjoni li kien ta l-appellant, ghaliex dan ma kitiblux b'modd formali u jghidlu li l-ispjegazzjoni tieghu ma kienitx giet accettata? Biex jinghata ezempju wiehed jista jiehu l-kaz tal-budgets jew tal-wine bar, il-propjetarju jghid li l-appellant naqas minn dmiru u l-appellant jghid li talab ghar-rizorsi u ma gewx moghtija lilu. Ghaldaqstant, jekk kien kollu tort ta' l-appellant ghal liema raguni il-propjetarju tal-Kumpanija ma wissiex lill-appellant bil-miktub li kien qed jonqos mid-doveri tieghu u li kien jistenna li sa tali gurnata jkun hemm progress fuq dawn il-kazijiet. L-unika issue li l-Kumpanija mix-xhieda deher li hadet stand kien fuq il-kontijiet bankarji, pero gie spjegat lit-Tribunal Industrijali li dan ma kienx kaz fejn l-appellant abbuza personalment minn dawn il-kontijiet u fit-tieni lok lanqas ma kien il-kaz li wassal ghat-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant ghaliex wara dan il-kaz l-appellant kompla jahdem u jopera l-istabiliment. It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li lanqas gew indikati d-dati ta' meta saru l-kazijiet li elenkat il-Kumpanija, u jinnota jekk dawn saru fl-ewwel sitt xhur ta' l-impieg meta l-appellant kien bi probation ghal liema raguni f’Kumpanija ma temmitx l-impieg ta' l-appellant meta setghet tghamel dan minghajr ma tghati raguni. U jekk dawn il-kazijiet saru kollha wara li ghadda iz-zmien ta' prova, ghal liema raguni halliet lill-appellant ikompli jahdem u jopera l-istabiliment ghall-perjodu tal-festi tal-Milied u ta' l-ewwel tas-sena u ma tterminatx l-impieg tieghu qabel dan il-perjodu meta f’dan il-perjodu imsemmi tal-Milied u ta' l-ewwel tas-sena u wara l-ewwel tas-sena ma gara l-ebda kaz li kien jimmerita tkeccija mill-impieg. It-Tribunal Industrijali kien forsi jifhem li, jekk kien gara xi kaz matul il-perjodu tal-Milied u ta' l-ewwel tas-sena jew wara l-ewwel tas-sena, il-Kumpanija kienet tghid lill-appellant li gara dan il-kaz u ghaldaqstant dan il-kaz huwa tant gravi li jimmerita tkeccija. Imkien ma jidher u jinghad liema kaz wassal ghat-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant ghajr li l-

Kumpanija ghamlet elenku ta' kazijiet li graw fil-passat u ghal liema kazijiet imkien ma jidher li formalment il-Kumpanija ma accettatx l-ispjegazzjoni ta' l-appellant ghal kazijiet li kien gie akkuzat bihom, izda li hu zgur u t-Tribunal Industrijali jikkunsidra dan l-aspett tal-kaz huwa, li l-Kumpanija ma hadet l-ebda dixxiplina fuq l-appellant ta' l-anqas permezz ta' xi forma ta' ittra formoli li ma kienitx qed taccetta l-ispjegazzjoni tieghu, anzi l-Kumpanija halliet l-appellant li jkompli jopera l-istabilment u li wara li ghaddew il-festi tal-Milied u ta' l-ewwel tas-sena b'mod hesrem u minghajr ma kien inqala l-ebda incident li jimmerita tkeccija tterminatlu l-impieg tieghu.

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-Istatements of Case tal-partijiet, kif ukoll ra u ezamina d-dokumenti esebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotta u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz dejjem fid-dawl tal-konsiderazzjoni tieghu citati hawn, it-Tribunal Industrijali jiddikjara li t-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant ma kienitx gusta u ghal raguni valida skond il-ligi.

It-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li fil-waqt li l-appellant ma jigix moghti l-impieg lura huwa ghandhu jigi moghti kumpens li jammonta ghall E 13,500 (tlettax-il elf u hames mitt Euro) mill-Kumpanija Allegro Andante Limited (C-24105), liema kumpens ghandu jithallas mill-Kumpanija lill-appellant sa nhar il-Gimgha 21 ta' Novembru 2008.

It-Tribunal Industrijali jistabillixxi d-drittijiet ta' min assista fl-ammont ta' E93.18.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol."

Minn din is-sentenza appellat il-kumpanija intimata. Il-punt li fuqu timpernja l-aggravju taghha hu maghmul jikkonsisti fis-sottomissjoni illi d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali hi r-

rizultat ta' apprezzament zbaljat tal-ligi dwar tkeccija minghajr kawza gusta. Dan fis-sens illi n-nuqqas ta' twissijiet formali bil-miktub dwar il-mankanzi ta' l-impjegat ma jibbastax wahdu biex jirrendi t-tkeccija tieghu ingusta meta jikkonkorru ragunijiet sufficjenti ta' tkeccija;

Koncizament, il-kumpanija appellanti tissokta telabora b'sostenn ghall-ilment principali taghha dan li jsegwi:-

i. Il-ligi mkien ma tobbliga lill-principal li johrog twissija formali bil-miktub;
ii. F'kull kaz il-procedura tal-kitba ghat-twissijiet hi normalment applikabbli ghall-impjegati f'livell subordinat ghall-karigi manigerjali;
iii. It-tkeccija hi gustifikata jekk motivata minn nuqqasijiet gravi li jikkostitwixxu raguni tajba u bizzejjed;
iv. L-impjegat ma cahadx li verament sehhew l-incidenti izda ttanta jcekken id-dimensjoni taghhom bla ma pprovda ebda gustifikazzjoni ghall-ghemilu;
v. It-Tribunal adotta kriterji li la jirrizultaw mil-ligi u lanqas mill-kuntratt ta' impjieg u naqas ukoll milli japprezza l-kumpless tan-nuqqasijiet ta' l-impjegat;

Fil-qosor, l-appellat iwiegeb b'dan il-mod:-

1. L-appell mhux bazat fuq punt ta' ligi;
2. In-nuqqas tal-*warnings* gie mit-Tribunal rilevat u ezaminat fil-kuntest aktar wiesgha ta' l-evalwazzjoni tal-provi. Ghat-Tribunal, in-nuqqas tal-*warnings* kien jitfa dawl fuq il-gravita, o meno, ta' l-incidenti u mhux b'riflessjoni tan-nuqqas tal-principal li ma jaghtix *warnings*;
3. L-incidenti allegati ma grawx vicin id-data tat-tkeccija u s-socjeta` appellanti wzat l-incidenti ta' l-imghoddi bhala ghodda opportunistika biex tittermina l-impjieg;
4. L-akkuzi sottomessi mis-socjeta` kollha gew ribattuti minnu;

Premess il-kontenut ta' l-aggravju u tat-twegiba ghalih, jinghad bl-ewwel osservazzjoni illi gja f'bosta sentenzi taghha din il-Qorti rravizat illi l-punt ta' ligi li jirrendi ammissibbli l-impunjattiva tas-sentenza moghtija mit-Tribunal adit irid ikun dak ta' vjolazzjoni jew ta' applikazzjoni falza ta' punt jew ta' principju ta' dritt. Mhux bizzejjed li l-appellant jissottometti li t-Tribunal m'ghamelx stharrig adegwat tal-kawza tat-tkeccija izda l-aggravju tieghu ghandu jippostula sew l-punt tal-ligi li hu jidhirlu li gie mal-interpretat jew applikat hazin fir-rigward tal-fattispeci u ta' l-elementi tal-provi li t-Tribunal kellu quddiemu. Ara, fost ohrajn, "**Kenneth Vella -vs- Seabank Catering Co. Ltd *et***", Appell Inferjuri, 23 ta' Mejju, 2008;

Ipprecizat dan, hu presuppost sostanzjali li jillegittima t-tkeccija r-"raguni tajba u bizzejjed" ghal liema jirreferi s-subinciz (14) ta' l-Artikolu 36 ta' l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 432). In mertu din il-Qorti kif presjeduta ssoffermat drabi ohra kif, ad ezempju, ghamlet sa recentement hafna fid-decizjoni in re: "**Joseph Mercieca -vs- Water Services Corporation**", 27 ta' Frar, 2009. Izzid semplicement hawn illi n-nozzjoni timporta konsiderazzjoni ta' l-addebiti fil-konfront ta' l-impjegat u dik tal-grad taghhom fir-rapport tax-xoghol; in partikolari, l-analisi ta' l-imgibiet ta' l-impjegat – dik ta' l-entita` taghhom u jekk dawn potenzjalment jiskossawx il-fiducja tal-principal fl-impjegat. Ta' rilevanza dejjem f'kazijiet ta' din ix-xorta l-apprezzemant tas-socjeta` ta' l-inadempjenzi kontrattwali li jincidu negattivament fuq ir-rapport fiducjarju;

Ragonevolment, l-accertament u l-valutazzjoni tal-fatti li jintegraw ir-raguni tajba u bizzejjed "hu mqieghed fuq il-pjan tal-gudizzju ta' fatt u tali, fil-limiti stretti ghal liema hu akkordat appell lil din il-Qorti skond l-Artikolu 82 (3) ta' l-Att, hu incensurabbli quddiem Qorti ta' revizjoni, ammenokke ma jigix riskontrat illi l-motivazzjoni tas-sentenza hi affetta minn zbalji logici u guridici". Ara

"**Anthony Walker -vs- Foster Clark Products Ltd**", Appell Inferjuri, 30 ta' April, 2008;

Affermat is-suespost, is-socjeta` appellanti tadduci bhala zball guridiku fir-ragonament tat-Tribunal il-punt illi la l-ligi u lanqas id-dottrina legali ghal cert katergoriji ta' impjiegi ma jirrekjedu l-komunikazzjoni ta' twissija bil-miktub fl-okkazjoni ta' vjolazzjoni kontrattwali kommessa minn impjegat. Fil-kuntest, tirreferi ghal para 12.116 (skond il-Hmistax-il Edizzjoni, para. 12.119) ta' l-opra ta' **Norman Selwyn** "**Law of Employment**" (Ed. Oxford University Press, 2008, pagna 357) fejn jinghad skond is-silta riprodotta mis-socjeta` appellanti illi "*there is no rule of law which requires warnings to be given in all cases; it is merely a rule of good industrial practice. Warnings are matters of substance, not procedure ("**James -vs- Waltham Holy Cross UDC**"). Whether a warning should have been given will depend on all the circumstances of the case, including its effectiveness, and the alternative course which may have been available or adopted ... There should be no need to give a warning to a highly paid and qualified employee that he will be dismissed if there is dissatisfaction with his work, for he should know this. Nor is there a need to give an educated person in a responsible position a warning that he must co-operate with his head of department ("**Farnborough -vs- Governors of Edinburgh College of Art**")*";

Huwa importanti li jigi denotat ukoll illi fl-istess opra precitata l-awtur jirrileva wkoll dan li gej:-

1. "*Tribunals have frequently stressed the need to issue warnings before the power of dismissal is exercised. The warnings should be given by a person in authority, should be clear, incisive and firm. They should make clear the nature of the conduct which will not be tolerated and spell out in no uncertain terms that the consequence of a failure to heed the warning will be dismissal. Formal warnings should be given in writing and*

*this is of particular importance when there are language or communication problems*" (para.12.17);

2. "*Failure to follow these rules may lead to the tribunal making a finding adverse to the employer*" (para. 12.118);

3. "*If the tribunal considers that had a clear warning been given, a dismissal would not have been necessary, then it will conclude that a dismissal without such a warning will be unfair ("**Jones -vs- GEC Elliot Automation Ltd**")*" (para. 12.119);

4. Fundamentalment, imbaghad, l-istess paragrafu citat mis-socjeta` appellanti jintemm bl-osservazzjoni siewji illi "*Each case must be determined on its own merits*" (para. 12.119);

Jinzel minn din il-konsiderazzjoni ta' l-ahhar illi ma tezisti ebda regola fissa jew predeterminata u kollox hu mholli ghall-apprezzament prudenzjali tat-Tribunal fil-kaz singolu. Ukoll, bhal fil-kaz tat-tribunali Inglizi, it-Tribunal Industrijali domestiku, anke fin-nuqqas ta' provvediment specifiku mil-legislatur fl-Att imsemmi, jidher li segwa dan l-istess kriterju prattiku derivanti mill-bon sens. Evidentement, kif gie kkummentat anke mill-Qorti ta' l-Appell, sede Civili, "ir-regola tal-*warnings* giet stabbilita biex jigu evitati tkeccijiet vessatorji, oppressivi jew motivati minn skatti momentanei" ("**Salvino Borg D'Anastasi -vs- Ian De Cesare *et nomine***", 13 ta' Gunju, 1995);

Issa huwa sintomatiku minn ezami tas-sentenza appellata illi t-Tribunal irraguna fuq l-evalwazzjoni unitarja minnu tal-provi prodotti illi n-necessita ta' twissija formali f'dan il-kaz kienet hekk eskogitata mill-fatt li jkun maghruf sew jekk il-kumpanijia accettatax, jew le, l-ispjegazzjonijiet ta' l-impjegat meta sehhew il-kazijiet li akkuzatu bihom. Hekk jinsab osservat minnu f'forma ta' mistoqsija illi "it-Tribunal Industrijali kien jistenna li wara kull kaz li kien inqala u wara li dan kien diskuss ma' l-appellant, jekk il-proprjetarju

ma kienx sodisfatt bl-ispjegazzjoni li kien ta l-appellanti, ghaliex dan ma kitiblux b'mod formali u jghidlu li l-ispjegazzjoni tieghu ma kienetx giet accettata?" Dan il-hsieb formattiv tat-Tribunal fil-kaz prezenti huwa idoneju ghal dak t-tat-tribunali Inglizi fil-kazijiet illustrati f'para. 12.118 u, f'certu sens ukoll, f'para. 12.119 ta' l-opra ta' Selwyn fuq riferenzjata u din il-Qorti ma tarax ghaliex, fic-cirkustanzi tal-fattispeci partikulari, dak l-istess hsieb ghandu jitqies guridikament illogiku jew inkongruwu;

Premess dan, is-socjeta` appellanti ticcensura wkoll lit-Tribunal illi dan ma apprezzax kif jixraq il-kumpless tan-nuqqasijiet ta' l-impjegat u li, skond il-fehma taghha, kienu jimmilitaw ghaf-favur id-decizjoni taghha tat-tkeccija;

Ghal dan l-ilment ir-riflessjoni li trid taghmel din il-Qorti hi din. Ibda biex, l-oneru tal-prova tas-sussistenza tar-raguni tat-tkeccija jinkombi fuq min ihaddem u dan f'koerenza mar-regola generali stabbilita fl-Artikolu 562 tal-Kodici ritwali in kwantu l-allegazzjoni jaghmila hu u huwa dejjem hu li jrid jaghti prova ta' l-addebitu kostitutiv migjub ghab-bazi tal-licenzjament. Mhux bizzejjed li jigi argomentat illi l-impjegat messu gab ragunijiet biex jiddemostra l-insussistenza ta' l-addebitu ghax, kieku stess, dawn ma jitqiesux hlief difizi dedotti biex jikkontrastaw il-legittimita` tat-tkeccija. Il-prova jrid jaghmilha min ihaddem, u din trid tkun ukoll wahda konvincenti, ghax allura, in difett, huwa ma jistax ilum lit-Tribunal jekk jisfa sokkombenti;

Kollox ma' kollox, it-Tribunal f'dan il-kaz irraguna illi l-appellat ipprovda spjegazzjonijiet plawsibbli u li, konsegwentement, l-infrazzjonijiet singolari addebitati lilu ma kienux lanqas ta' gravita. Il-gudizzju hekk raggunt huwa altament wiehed ta' apprezzament ta' fatt u minn dan mhux konsentit appell lil din il-Qorti. Ukoll, in bazi ghall-konsiderazzjonijiet superjorment maghmula din il-Qorti ma ssibx lanqas illi t-Tribunal enuncja xi principju legali zbaljat in mertu tar-regola dwar it-twissijiet formali bil-miktub.

Ghal dawn il-motivi kollha din il-Qorti tirrigetta l-appell u tikkonferma fl-interita` taghha s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu sopportabbli mis-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------